DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/753

tat-22 ta' Mejju 2018

li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fid-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat in-notifika mill-Irlanda dwar ix-xewqa tagħha li taċċetta u tintrabat bid-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ([1]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2013/33/UE, kienet addottata fis-26 ta' Ġunju 2013. L-Istati Membri kellhom sal-20 ta' Lulju 2015 biex idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mad-Direttiva.

(2) Permezz ta' ittra tal-24 ta' Jannar 2018, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li taċċetta u tintrabat mad-Deċiżjoni 2013/33/UE.

(3) Fl-20 ta' Frar, fl-4 ta' April u fid-9 ta' April 2018, l-Irlanda bagħtet lill-Kummissjoni abbozz ta' leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva 2013/33/UE fil-liġi nazzjonali. It-tlestija tal-abbozz ta' leġiżlazzjoni tinsab għaddejja.

(4) Minħabba li l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tal-Irlanda ġew issodisfati, jinħtieġ li l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fid-Direttiva 2013/33/UE tkun ikkonfermata, f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 331(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(5) Miżuri transitorji huma meħtieġa biex jippermettu lill-Irlanda biex tlesti l-proċedura li ddaħħal fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tkun konformi mad-Direttiva 2013/33/UE. Billi l-Irlanda hija diġà fi stadju avvanzat tat-tħejjija ta' abbozz ta' miżuri li jittrasponu din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom, huwa meqjus raġonevoli li l-Irlanda tintalab biex tlesti l-proċedura sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2018,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-parteċipazzjoni tal-Irlanda fid-Direttiva 2013/33/UE hija kkonfermata.

2. Id-Direttiva 2013/33/UE għandha tapplika għall-Irlanda skont din id-Deċiżjoni mill-24 ta' Mejju 2018.

Artikolu 2

L-Irlanda għandha ddaħħal fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tikkonforma mad-Direttiva 2013/33/UE sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2018. L-Irlanda għandha tikkomunika minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Dawn il-miżuri għandu jkun fihom referenza għad-Direttiva 2013/33/UE jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. l-Irlanda għandha tiddetermina kif għandha ssir tali referenza.

([1]) ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Mejju 2018.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER